MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 10 ta’ Mejju 2017**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Abdoulaye Mohamadou**
**(Soggiorno Taljan bin-numru I07202214)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Abdoulaye Mohamadou** talli nhar id-9 ta’ Mejju 2017 u fil-perjodu ta’ qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer, iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f’dokument Taljan u cioe` Titolo di Viaggio li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, mibdul jew sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew reġistrazzjonijiet magħmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess żminijiet u ċirkostanzi gewwa dawn il-Gzejjer ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u wkoll ghall-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur spjega illi l-imputat se jigi ripatrijat gewwa l-Italja minnufih f'kaz li l-Qorti joghgobha tinfliggi piena ta' sentenza sospiza.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61, u artikolu 32 (1) (c) u (d) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta u artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Abdoulaye Mohamadou** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tigi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien erba’ (4) snin mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur